IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 10.9.2012
COM(2012) 495 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Abbozz 2012 tar-Rapport Konġunt tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (Strateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ 2010-2018)

{SWD(2012) 256 final}
{SWD(2012) 257 final}

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Abbozz 2012 tar-Rapport Konġunt tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (Strateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ 2010-2018)

1. INTRODUZZJONI

Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-2018)[1]**,** tirrikjedi li jitfassal rapport tal-UE dwar iż-Żgħażagħ fl-aħħar ta'kull ċiklu ta'tliet snin, **b'għan doppju:** jiġifieri **biex tevalwa l-progress magħmul fir-rigward tal-għanijiet ġenerali tal-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ,** u li sservi bħala bażi biex **jistabbilixxi sett ta' prijoritajiet għaċ-ċiklu ta' ħidma li ġej.**

Din il-Komunikazzjoni tippreżenta abbozz ta' Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażagħ li għandu jiġi miftiehem mill-Kunsill. Din il-Komunikazzjoni hija akkumpanjata minn żewġ Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal: wieħed li jagħti ħarsa lejn is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ fl-UE u wieħed li janalizza l-azzjonijiet meħuda skont l-istrateġija.

2. EWROPA 2020 – APPOĠĠ LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ F'KUNTEST TA' KRIŻI

L-Ewropa għaddejja minn kriżi li laqtet liż-żgħażagħ Ewropej b'livelli mingħajr preċedent ta' qgħad u r-riskju tal-esklużjoni soċjali u l-faqar. Ewropa 2020, l-istrateġija tal-UE għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, tistabbilixxi l-qafas għal tweġiba Ewropea kkoordinata sabiex toħroġ iktar b'saħħitha mill-kriżi u biex ittejjeb il-prosperità fit-tul taċ-ċittadini tal-Ewropa.

Ewropa 2020 tiffoka sew fuq iż-żgħażagħ, bil-mira primarja li jitnaqqas it-tluq kmieni mill-iskola u jiżdiedu l-kisbiet fl-edukazzjoni terzjarja. Hemm żewġ miri prinċipali oħra li wkoll jaqsmu dimensjoni ċara taż-żgħażagħ – it-tnaqqis tar-riskju tal-faqar u ż-żieda fis-sehem tal-popolazzjoni fl-impjieg. Barra minn hekk, l-inizjattiva ewlenija intitolata Żgħażagħ Mobbli[2] tippromwovi l-mobilità taż-żgħażagħ, filwaqt li ż-żgħażagħ huma inklużi wkoll f'Aġenda għal Ħiliet u Impjiegi Ġodda[3] u Pjattaforma kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali[4].

Fit-tieni semestru Ewropew ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika, il-Kummissjoni Ewropea enfasizzat il-ħtieġa għal azzjoni lejn it-tnaqqis tar-rata għolja b'mod inaċċettabbli ta' qgħad fost iż-żgħażagħ. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012, li jiffissa l-prijoritajiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE u nazzjonali biex jagħti spinta lit-tkabbir u l-impjiegi, sejjaħ lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw l-impjieg taż-żgħażagħ. Ir-rakkomandazzjonijiet konkreti kienu jinkludu l-promozzjoni ta' apprendistati u esperjenzi ta' taħriġ ta' kwalità, kif ukoll ħiliet

---

1 GU C 311, 19.12.2009, p. 1-11.
2 COM(2010) 477.
3 COM(2010) 682.
4 COM(2010) 758.

imprenditorjali. L-Istħarriġ sejjaħ ukoll għal riformi fil-leġiżlazzjoni tal-impjiegi u fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Filwaqt li esprimiet tħassib li n-nisġa soċjali tal-UE għaddejja minn prova, il-Kummissjoni sejħet lill-Istati Membri biex jipproteġu l-vulnerabbli, fir-rigward tal-ħarsien soċjali, tal-istrateġiji ta' inklużjoni u fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi li jiżguraw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà[5]. Ġew adottati rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi[6] skont is-sitwazzjonijiet partikolari tal-Istati Membri individwali.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet Inizjattiva ta' Opportunitajiet għaż-Żgħażagħ iddedikati (YOI)[7], li timmira li timmobilizza r-riżorsi u żżid l-isforzi biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażagħ u tagħmel liż-żgħażagħ aktar impjegabbli. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri biex jagħmlu użu aħjar mill-Fond Soċjali Ewropew għall-appoġġ taż-żgħażagħ. Timijiet ta' azzjoni tal-Kummissjoni qed jgħinu tmien Stati Membri[8] fejn ir-rati tal-qgħad taż-żgħażagħ huma 'l fuq mill-medja. Barra minn hekk, il-"Pakkett dwar l-Impjiegi"[9] riċenti jinkludi l-ewwel rapport ta' progress dwar il-YOI u konsultazzjoni dwar qafas ġdid għall-kwalità għall-esperjenzi ta' taħriġ.

Il-Kummissjoni qiegħda wkoll tistinka biex tneħħi l-ostakoli li ċ-ċittadini tal-UE, inklużi ż-żgħażagħ, jiltaqgħu magħhom meta jinvokaw id-drittijiet tagħhom bħala ċittadini tal-UE, partikolarment id-dritt tagħhom għal moviment ħieles fl-UE, inkluż għall-volontarjat, għall-istudju jew għax-xogħol.

L-isforzi biex tingħata spinta lill-impjegabbiltà, il-mobilità fit-tagħlim u s-sehem taż-żgħażagħ huma appoġġjati permezz tal-programmi Tagħlim tul il-Ħajja u Żgħażagħ Attivi, li – mill-2014 'il quddiem – se jkunu segwiti minn Programm ġdid tal-UE mmirat lejn l-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ.

3. L-ISTRATEĠIJA TAL-UE DWAR IŻ-ŻGĦAŻAGĦ – INVESTIMENT U MOBBILIZZAZZJONI

Fl-2009, il-Kunsill approva qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-2018), ibbażat fuq il-Kommunikazzjoni "Strateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ: Investiment u Responsabbilizzazzjoni"[10]. Permezz tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni u t-tqassim ta' prassi tajba, iż-żewġ għanijiet ġenerali tal-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ huma li:

(i) jinħolqu aktar impjiegi u opportunitajiet ugwali għaż-żgħażagħ kollha fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol, u

(ii) jiġu promossi ċ-ċittadinanza attiva, l-inklużjoni soċjali u s-solidarjetà taż-żgħażagħ kollha.

---

5 COM(2011) 815.
6 COM(2012) 299.
7 COM(2011) 933.
8 Il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Portugall, is-Slovakkja u Spanja.
9 COM (2012)173, SWD (2012)98, SWD (2012) 99.
10 Il-qafas minn issa 'l quddiem se jissejjaħ "Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ".



L-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ hija bbażata fuq l-azzjoni. Kif turi d-dijagramma, is-siġra għandha tmien fergħat li jirrappreżentaw tmien oqsma ta' politika ("oqsma ta' azzjoni"): l-edukazzjoni u t-taħriġ; l-impjiegi u l-intraprenditorija; l-inklużjoni soċjali; is-saħħa u l-benessri; il-parteċipazzjoni; il-kultura u l-kreattività; il-voluntarjat, u ż-żagħżagħ u d-dinja.

L-istrateġija għandha l-għeruq fl-istrumenti li ġejjin: it-tfassil tal-politika bbażata fuq l-evidenza; it-tagħlim reċiproku; ir-rappurtar regolari dwar il-progress, it-tixrid tar-riżultati u l-monitoraġġ; id-djalogu strutturat maż-żgħażagħ u organizzazzjonijiet taż-żagħżagħ u l-mobilizzazzjoni ta' programmi u fondi tal-UE. Din l-istrateġija tħares lejn ix-xogħol taż-żgħażagħ[11] bħala appoġġ għall-oqsma kollha ta' azzjoni u l-kooperazzjoni transsettorjali bħala prinċipju bażiku.

4. L-EWWEL ĊIKLU TAL-ISTRATEĠIJA TAL-UE DWAR IŻ-ŻGĦAŻAGĦ (2010-2012)

Kważi l-Istati Membri kollha rrapportaw li l-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ saħħet il-prijoritajiet eżistenti fil-livell nazzjonali, b'bosta Stati Membri jenfasizzaw l-impatt dirett tagħha. Il-Litwanja, pereżempju, ssemmi l-Istrateġija bħala dokument ta' gwida fl-iżvilupp ta' Programm Nazzjonali ta' Politika għaż-żgħażagħ tagħha nfisha, l-Awstrija ssemmi li r-rabta bejn il-politika taż-żgħażagħ u l-politiki tas-suq tax-xogħol ġiet imsaħħa, u d-djalogu maż-żgħażagħ ġie żviluppat aktar fil-Komunità Fjamminga tal-Belġju.

L-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ hija favur approċċ transsettorjali fil-livelli kollha fl-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika taż-żgħażagħ. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirrapportaw li għandhom strateġija nazzjonali taż-żgħażagħ jew pjan transsettorjali mmirat lejn iż-żgħażagħ. L-Istati Membri kollha minbarra tnejn għandhom grupp ta' ħidma interministerjali dwar iż-żgħażagħ jew xi mekkaniżmu istituzzjonali ieħor. Filwaqt li xi Rapporti Nazzjonali taż-Żgħażagħ jagħtu eżempju tajjeb, gruppi bħal dawn ta' spiss jikkonsistu minn fatturi u partijiet interessati fil-"qalba" tal-qasam ta' politika taż-żgħażagħ, bi

[11] Il-ħidma maż-żgħażagħ tkopri ambitu wiesa' ta' attivitajiet soċjali, kulturali, edukattivi jew politiċi minn, ma' u għaż-żgħażagħ. Hija dwar l-edukazzjoni "barra l-iskola" u l-attivitajiet rekreazzjonali mmexxija minn professjonisti jew ħaddiema fost iż-żgħażagħ u mexxejja taż-żgħażagħ. Hija bbażata fuq it-tagħlim mhux formali u s-sehem volontarju.

ftit jew l-ebda involviment minn ministeri oħra tal-gvern, u b'hekk jillimitaw in-natura trans-settorjali tagħhom.

Ix-xogħol taż-żgħażagħ jappoġġja ħafna oqsma ta' azzjoni. Il-maġġoranza tal-Istati Membri jirrappurtaw li ħadu miżuri biex jappoġġjaw ix-xogħol taż-żgħażagħ f'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-ħidma taż-żgħażagħ[12]. F'Lulju 2010, ġiet organizzata Konvenzjoni Ewropea dwar ix-Xogħol taż-Żgħażagħ taħt il-Presidenza Belġjana, li laqqgħet flimkien lil dawk li jfasslu l-politika kif ukoll lill-partijiet interessati relatati maż-żgħażagħ mill-Ewropa kollha, li rriżultat fl-adozzjoni ta' dikjarazzjoni li tindirizza l-prijoritajiet u l-azzjonijiet għax-xogħol taż-żgħażagħ fis-snin li ġejjin.

4.1. L-IMPLIMENTAZZJONI TAT-TMIN OQSMA TA' AZZJONI

F'kull qasam ta' azzjoni tagħha, l-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ tipproponi inizjattivi għall-Istati Membri u/jew għall-Kummissjoni. Hawn taħt tiinsab ħarsa ġenerali tal-miżuri meħuda fil-livell tal-UE u dawk irrappurtati mill-Istati Membri għaċ-ċiklu ta' ħidma 2010-2012[13].

Edukazzjoni u Taħriġ

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri qed jaħdmu flimkien biex itejbu l-edukazzjoni u t-Taħriġ permezz tal-qafas "ET2020"[14]. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ppreżentat strateġija għall-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja tal-Ewropa fl-2011[15], u qed tħejji inizjattiva dwar "Reviżjoni tal-Ħiliet", li għandha titnieda aktar tard fl-2012 biex tappoġġja l-iżvilupp tal-politika dwar il-ħiliet u l-kompetenzi.

L-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ tiffoka primarjament fuq it-tagħlim mhux formali bħala għodda kumplimentari, sabiex jinkisbu ħiliet trasversali[16] li huma apprezzati ħafna fis-suq tax-xogħol[17]. Il-Kummissjoni se tipproponi abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent u l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali fl-2012, u qed taħdem ukoll fuq l-għodod li jagħmluha eħfef biex jiġu rreġistrati l-ħiliet miksuba permezz ta' tagħlim mhux formali.

Kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri jappoġġaw b'mod attiv l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ bħala fornitur importanti tal-opportunitajiet ta' tagħlim mhux formali. Ħafna Stati Membri jenfasizzaw ir-rwol tax-xogħol taż-żgħażagħ f'li jintlaħqu dawk li jitilqu mill-iskola kmieni u jgħinuhom jerġgħu lura għall-edukazzjoni jew xogħol. F'dan il-kuntest, huma riċentement ħadu azzjoni biex iqajmu kuxjenza dwar it-tagħlim mhux formali u biex jirrikonoxxu r-riżultati tat-tagħlim f'livell nazzjonali.

Impjiegi u Intraprenditorija

L-impjieg taż-żgħażagħ kien il-prijorità tematika ġenerali tal-ewwel "Trio Presidenzjali" wara d-dħul fis-seħħ tal-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ. Matul dan il-perjodu, il-Kunsill

---

12 GU C 327, 4.12.2010, p. 1-5.
13 L-attivitajiet fl-oqsma ta' l-Istrateġija ta' azzjoni huma deskritti aktar fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja din il-Komunikazzjoni.
14 GU C 119, 28.5.2009, p. 2-10.
15 COM(2011) 567.
16 Ara wkoll il-qafas dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja, ĠU L 394 tat-30.12.2006.
17 Stħarriġ tal-Ewrobarometru "Attitudnijiet tal-impjegaturi dwar il-ħiliet".

adotta riżoluzzjonijiet dwar l-inklużjoni attiva taż-żgħażagħ[18] u r-rwol tax-xogħol taż-żgħażagħ fil-promozzjoni tal-impjegabbiltà taż-żgħażagħ. L-ewwel ċiklu tad-Djalogu Strutturat kien jiffoka wkoll fuq l-impjiegi taż-żgħażagħ. Iż-żgħażagħ irrakkomandaw azzjonijiet konkreti, li wasslu għal Riżoluzzjoni tal-Kunsill[19] li tenfasizza l-ħtieġa għall-aċċess għall-informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol, it-tagħlim mhux formali, qafas ta' kwalità għall-apprendistati, enfasi fuq il-flessigurtà u aċċess ugwali għal mobilità. Ir-rakkomandazzjonijiet ġew ikkunsidrati f'inizjattivi sussegwenti tal-Kummissjoni, bħalma hu l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar tagħlim mhux formali u informali u fil-kuntest usa' ta' YOI.

Skont Rapporti Nazzjonali taż-Żgħażagħ, diversi Stati Membri bidlu l-liġijiet tax-xogħol tagħhom jew applikaw inċentivi tat-taxxa biex itejbu l-aċċess għas-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ. Dawn huma ta' spiss abbinati ma' programmi li jippermettu liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza tax-xogħol jew jibbenefikaw minn pariri.

L-edukazzjoni intraprenditorjali qed tkun dejjem iktar promossa f'ħafna mill-pajjiżi Ewropej. Sal-lum, tmien pajjiżi nedew strateġiji speċifiċi, filwaqt li 13-il pajjiż ieħor jinkluduha bħala parti mill-istrateġiji nazzjonali tagħhom ta' tagħlim tul il-ħajja, jew strateġiji għaż-żgħażagħ jew ta' tkabbir[20].

Fil-livell tal-UE, l-intraprenditorija taż-żgħażagħ ngħatat profil aktar viżibbli matul il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażagħ, filwaqt li qajmet kuxjenza tal-valur ta' ħiliet intraprenditorjali u ta' tnedija ta' negozju bħala għażla ta' karriera. Barra minn hekk, qed jittieħdu għadd ta' azzjoniijet bħalissa biex jappoġġaw it-tagħlim intraprenditorjali fil-livelli kollha tal-edukazzjoni.

Is-Saħħa u l-Benessri

Fil-livell tal-UE, iż-żgħażagħ huma grupp partikolarment fil-mira fir-rigward ta' inizjattivi tas-saħħa tal-UE stabbiliti biex jittrattaw it-tipjip, il-ħsara relatata mal-alkoħol, in-nutrizzjoni, l-obeżità u l-użu tad-drogi.

L-Istati Membri kollha minbarra tnejn irrappurtaw li ħadu miżuri konkreti biex isegwu r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar is-Saħħa u l-Benessri taż-Żgħażagħ[21]. Ħafna Stati Membri jsemmu inizjattivi li jiffokaw fuq kwistjonijiet speċifiċi, bħall-alkoħol, it-tabakk jew in-nutrizzjoni tajba, jew inizjattivi li jenfasizzaw il-valur tal-edukazzjoni bejn il-pari fil-promozzjoni ta' stili tajbin ta' ħajja għas-saħħa.

L-Inklużjoni Soċjali

L-inizjattivi tal-UE li jiġġieldu l-qgħad taż-żgħażagħ jagħtu kontribut importanti lill-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ. Il-maġġoranza tal-Istati Membri indirizzaw ukoll iż-żgħażagħ bħala grupp speċifiku fil-mira matul is-Sena Ewropea 2010: Il-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali. Dawn l-inizjattivi jenfasizzaw il-ħtieġa biex jiġi miġġieled il-faqar minn età bikrija sabiex jitkisser iċ-ċiklu tal-faqar minn ġenerazzjoni għall-oħra.

---

18 ĠU L 137, 27.5.2010, p. 1-6.

19 GU C 164, 2.6.2011, p. 1-4.

20 Entrepreneurship Education at School in Europe (L-Intraprenditorija fl-Edukazzjoni fl-Iskola fl-Ewropa), il-Kummissjoni Ewropea, 2012

21 GU C 319, 13.12.2008, p. 1-3.

Ħafna Stati Membri jikkonfermaw l-importanza ta’ approċċ transsettorjali għall-inklużjoni soċjali, billi jorbtuha mal-edukazzjoni, l-impjiegi jew il-politika dwar is-saħħa, pereżempju. Ħafna minnhom jirrappurtaw dwar programmi ta’ taħriġ speċjalizzati għal ħaddiema żgħażagħ, mexxejja taż-żgħażagħ u żgħażagħ li jiżviluppaw għarfien interkulturali u jkun miġġieled il-preġudizzju. Għadd ta' Stati Membri kkwotaw eżempji ta’ miżuri ta’ appoġġ mmirati lejn iż-żgħażagħ li jikkonċernaw id-djar.

Sehem iż-Żgħażagħ

Sehem iż-żgħażagħ għandu post prominenti fuq l-aġenda tal-UE dwar il-politika taż-żgħażagħ f’dawn l-aħħar snin. Il-Kunsill ikkonferma d-dedikazzjoni tiegħu f'dan il-qasam billi għamel “sehem iż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika” l-prijorità ġenerali tat-tieni "Trio Presidenzjali" fil-qasam taż-żgħażagħ (nofs 2011-2012), skont l-Artikolu 165 TFUE. Id-Djalogu Strutturat sar strument dejjem aktar ta' influwenza li jinvolvi ż-żgħażagħ fit-teħid tad-deċiżjonijiet. L-Istati Membri kollha waqqfu Gruppi tax-Xogħol Nazzjonali biex jorganizzaw konsultazzjonijiet maż-żgħażagħ fil-pajjiżi tagħhom u sabiex jarrikkixxu d-dibattiti fil-livell tal-UE.

Il-Kummissjoni ħadet passi biex tissaħħaħ il-bażi ta' evidenza dwar sehem iż-żgħażagħ permezz tal-Ewrobarometru rigward “Żgħażagħ Mobbli”[22] u studju li jmiss dwar xejriet li qed jinbidlu f'dak li għandu x'jaqsam ma' sehem iż-żgħażagħ. Barra minn hekk tat bidu għal żewġ proċessi li se jilħqu l-milja tagħhom fiċ-ċiklu ta' tliet snin li jmiss: jiġifieri l-iżvilupp mill-ġdid tal-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ[23] bħala pjattaforma interattiva onlajn, u "Skeda għaż-Żgħażagħ Mobbli” li se tippermetti aktar il-mobilità u s-sehem taż-żgħażagħ permezz ta’ inċentivi, informazzjoni u servizzi ta' appoġġ.

Is-sehem huwa kruċjali għall-politika taż-żgħażagħ fl-Istati Membri kollha u ħafna attivitajiet twettqu, inkluż l-iżvilupp ta' strutturi li jinvolvu ż-żgħażagħ fit-teħid tad-deċiżjonijiet, b'post għal aktar djalogu onlajn.

Attivitajiet Volontarji

L-Istati Membri u l-Kummissjoni ħadmu flimkien biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Mobilità tal-Volontiera Żgħażagħ madwar l-UE[24] fi grupp ta' esperti. Madwar nofs l-Istati Membri jirrappurtaw li huma xerrdu l-għarfien dwar l-opportunitajiet għall-mobilità tal-voluntiera żgħażagħ wara din ir-Rakkomandazzjoni. Flimkien mas-Servizz Volontarju Ewropew, għadd ta' Stati Membri jirrappurtaw li għandhom programmi ta' skambju bilaterali jew multilaterali.

Bosta Stati Membri jirrapportaw li huma żviluppaw skemi nazzjonali tal-volontarjat jew stabbilixxew servizz ċiviku ġdid. Is-Sena Ewropea tal-Volontarjat (2011) involviet żgħażagħ u organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ biex tenfasizza d-dimensjoni tagħha taż-żgħażagħ.

Kultura u Kreattività

L-Istati Membri u l-Kummissjoni jikkooperaw mill-qrib f’dan il-qasam permezz ta’ Aġenda Ewropea għall-Kultura[25]. Il-Kunsill enfasizza l-importanza tal-kreattività, tal-kultura u r-rwol

---

22 Żgħażagħ Mobbli – Rapporti analitiċi (Flash Eurobarometer 319a u 319b Mejju 2011), il-grupp tal-età fil-mira 15-30.

23 http://europa.eu/youth.

24 GU C 319, 13.12.2008, p. 8-10.

25 ĠU C 287, 29.11.2007, p. 1-4.

taż-żgħażagħ f'għadd ta' konklużjonijiet tiegħu[26]. Skont l-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ, studju dwar l-aċċess taż-żgħażagħ għall-kultura fl-Ewropa mill-2010[27] kien jinkludi prassi u proposti tajba biex jindirizzaw ostakli bħalma huma l-kost u d-distanza.

Għalkemm l-Istati Membri jirrikonoxxu r-rabtiet bejn il-kultura u l-kreattività u l-politika taż-żgħażagħ, ir-Rapporti Nazzjonali taż-Żgħażagħ ma jirrappurtawx ħafna attivitajiet f'dan il-"qasam ta' Azzjoni".

Iż-Żgħażagħ u d-Dinja

Permezz tas-sħubija taż-żgħażagħ mal-Kunsill tal-Ewropa, il-Kummissjoni organizzat u kkontribwiet f'simpożji ta' livell għoli dwar il-politika taż-żgħażagħ fil-viċinati tagħha fil-Lvant u fin-Nofsinhar[28]. Il-Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar id-Dimensjoni tal-Lvant ta' Sehem iż-Żgħażagħ[29] imfassla biex tilħaq aktar l-inħawi tal-Lvant tal-Ewropa u l-Kawkasu. Barra minn hekk, ittieħdet deċiżjoni biex titwaqqaf Tieqa ta' Sħubija tal-Lvant għaż-Żgħażagħ li tiffinanzja aktar opportunitajiet għas-sħubiji u l-kooperazzjoni taż-żgħażagħ skont il-programm Żgħażagħ Attivi. Ġew organizzati attivitajiet fl-Ewropa u fiċ-Ċina matul is-Sena taż-Żgħażagħ 2011 bejn l-UE u ċ-Ċina. Il-Kummissjoni kkontribwiet ukoll lis-Sena taż-Żgħażagħ tan-Nazzjonijiet Uniti u lis-samit tagħha taż-żgħażagħ fil-Messiku fl-2011; hija wkoll ikkoorganizzat żewġ konferenzi ta' politika bħala parti minn Ftehim ta' kooperazzjoni bilaterali mal-Kanada.

"Iż-żgħażagħ u d-dinja" huwa "qasam ta'Azzjoni" ġdid. Madankollu l-Istati Membri jirrappurtaw li huma kienu diġà attivi qabel l-2010, u dawn ikomplu jenfasizzaw ir-rilevanza tiegħu. Kważi nofs l-Istati Membri jirrappurtaw li huma indirizzaw din il-kwistjoni fil-kurrikuli tal-edukazzjoni tagħhom jew bħala parti minn strateġiji tal-politika taż-żgħażagħ. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jipprovdu opportunitajiet għaż-żgħażagħ biex jiskambjaw l-opinjonijiet dwar kwistjonijiet globali ma' dawk li jfasslu l-politika.

4.2. STRUMENTI TA' IMPLIMENTAZZJONI

L-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ tapplika sensiela ta' strumenti ddedikati biex isewgu l-attivitajiet fit-tmin oqsma deskritti hawn fuq. Il-paragrafi li ġejjin janalizzaw sa liema punt dawn l-istrumenti ntużaw b'suċċess sabiex jinkisbu l-għanijiet ġenerali tal-istrateġija.

It-Tfassil tal-Politika msejjes fuq l-Evidenza

Barra mill-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ, il-Kummissjoni – flimkien ma' esperti nominati mill-Istati Membri u miż-żgħażagħ interessati – żviluppat kwadru operattiv ta' Indikaturi tal-UE dwar iż-Żgħażagħ, li ġie rilaxxat fl-2011[30]. Dan il-kwadru operattiv jippreżenta 40 indikatur li jkopru t-tmien oqsma kollha ta' azzjoni. Studju jiddokumenta l-fatt li l-iżvilupp tal-Indikaturi taż-Żgħażagħ tal-UE mhux biss tejjeb ir-rikonoxximent u l-viżibilità tal-politika taż-żgħażagħ, iżda ta spinta lill-iżviluppi pożittivi fl-Istati Membri, kemm biex isegwu l-kooperazzjoni transsettorjali kif ukoll biex japplikaw approċċ ibbażat fuq l-evidenza.

---

26 ĠU C 326, 3.12.2010; p .2-3. ĠU C 372, 20.12.2011, p. 19-23; ĠU C 169, 15.6.2012, p. 1-4.
27 Interarts, EACEA/2008/01.
28 Sharm-al-Sheikh (2010), Odessa (2011), Tbilisi (2012), Tuneż (2012).
29 ĠU C 372, 20.12.2011, p. 10-14.
30 SEC (2011) 401.

Matul l-ewwel ċiklu ta' ħidma tal-istrateġija, il-Kummissjoni wettqet żewġ studji[31] u mexxiet stqarrija tal-Ewrobarometru Flash dwar iż-żgħażagħ (Fl319a u Fl319b). Iċ-Ċentru Ewropew tal-Għarfien dwar il-Politika taż-Żgħażagħ (EKCYP) fil-Partenarjat taż-Żgħażagħ EU-CoE ikkontribwixxa wkoll biex isaħħaħ il-bażi tal-evidenza għall-politika taż-żgħażagħ fl-Ewropa permezz tal-portal tiegħu onlajn.

Tagħlim Reċiproku

Il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni huwa qafas tajjeb għat-tagħlim bejn il-pari u l-qsim ta' esperjenzi fost dawk li jfasslu l-politika nazzjonali fil-qasam taż-żgħażagħ. Kull sitt xhur, jiġu organizzati Konferenzi taż-Żgħażagħ tal-UE mill-pajjiż li għandu l-Presidenza, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, flimkien mal-laqgħat tad-Diretturi Ġenerali għaż-żgħażagħ. Dawn il-konferenzi iġibu flimkien liż-żgħażagħ u dawk li jfasslu l-politika mill-UE kollha sabiex jiddiskutu r-riżultati tad-Djalogu Strutturat u biex iħejju rakkomandazzjonijiet konġunti li jwasslu għar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill jew għall-konklużjonijiet[32]. It-tagħlim reċiproku ntlaħaq ukoll permezz ta' attività speċifika ta' tagħlim bejn il-pari dwar il-kooperazzjoni transsettorjali[33].

Rappurtar Regolari dwar il-Progress, it-Tixrid tar-Riżultati u l-Monitoraġġ

Għal dan l-eżerċizzju ta' rappurtar, il-Kummissjoni żviluppat kwestjonarju onlajn li indirizza linji ta' azzjonijiet konkreti speċifiċi msemmija fl-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ. Dan għamilha possibbli li ssir valutazzjoni komparattiva tar-Rapporti Nazzjonali taż-Żgħażagħ ippreżentati mill-Istati Membri kollha, in-Norveġja, l-Isvizzera, il-Montenegro u l-Kroazja[34]. Sar kontribut ukoll mill-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ, mill-pjattaforma rappreżentanta tal-organizzazzjonijiet internazzjonali mhux governattivi taż-żgħażagħ u mill-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ.

Barra r-rilaxx tad-Dokument ta Ħidma tal-Persunal fir-Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażagħ, ir-Rapporti Nazzjonali kollha taż-Żgħażagħ huma ppubblikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni. Dan huwa skont l-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ, li jitlob għad-disseminazzjoni wiesgħa tar-riżultati tal-eżerċizzju ta' rappurtar.

Djalogu Strutturat maż-Żgħażagħ u mal-Organizzazzjonijiet taż-Żagħżagħ

L-Istati Membri kollha waqqfu Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali għal Djalogu Strutturat maż-żgħażagħ fil-bidu tal-ewwel ċiklu. Id-Djalogu Strutturat – li huwa metodu elaborat u formali ta' konsultazzjoni maż-żgħażagħ – sar parti vibranti u integrali fit-tfassil tal-politika taż-żgħażagħ. Il-konsultazzjonijiet matul l-ewwel "Trio Presidenzjali" (2010-11) rriżultaw f'rakkomandazzjonijiet bejn il-fassala tal-politika taż-żgħażagħ u ż-żgħażagħ dwar l-aktar kwistjonijiet urġenti fil-qasam tal-impjiegi.

Aktar u aktar nies qed jieħdu sehem fid-djalogu kontinwu li qed jevolvi – aktar minn 20 000 mexxejja taż-żgħażagħ u żgħażagħ kienu involuti direttament fl-aħħar ċiklu ta' konsultazzjonijiet.

---

31 Studji dwar l-aċċess taż-żgħażagħ għall-kultura (InterARTS, 2010) u s-sehem taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika (London School of Economics, 2012).

32 Ara d-dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja din il-Komunikazzjoni.

33 Organizzata taħt il-Presidenza Spanjola.

34 Dawn l-erba' pajjiżi li mhumiex fl-UE wieġbu għall-istedina tal-Kummissjoni biex il-pajjiżi kandidati tal-UE u l-Istati tal-EFTA jissottomettu Rapporti Nazzjonali taż-Żgħażagħ fuq bażi volontarja. Tressqu kontributi separati mit-tliet komunitajiet lingwistiċi tal-Belġju.

Mobilizzazzjoni tal-Programmi tal-UE

Il-Programm Żgħażagħ Attivi huwa strument ewlieni għall-appoġġ tal-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ. Flimkien mal-programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja, dan ikkontribwixxa għall-mobilità fit-tagħlim taż-żgħażagħ. Huwa jiffoka fuq attivitajiet ta’ tagħlim mhux formali għaż-żgħażagħ, għal ħaddiema żgħażagħ u għal organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ. Skont l-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ, huwa jippromwovi sens ta' ċittadinanza u solidarjetà fost iż-żgħażagħ u jpoġġi enfasi fuq ix-xogħol taż-żgħażagħ, il-volontarjat u l-attivitajiet ċiviċi bħala ambjent xieraq li fih jinkisbu ħiliet trasversali. Dan il-programm involva madwar 150 000 u 185 000 parteċipant fl-2010 u fl-2011 rispettivament, li kienet żieda notevoli meta mqabbla mal-bidu tal-programm (111 000-il parteċipant fl-2007).

Kważi l-Istati Membri kollha rrappurtaw li użaw sorsi oħra ta' fondi tal-UE, bħalma huma l-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u/jew PROGRESS għall-integrazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol.

5. IĊ-ĊIKLU LI JMISS (2013-2015)

Tissaħħaħ ir-rabta bejn l-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ u Ewropa 2020

Skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ, se jiġu stipulati għadd ta' prijoritajiet għall-kooperazzjoni Ewropea għal kull ċiklu ta' ħidma biex jikkontribwixxu għall-oqsma ta’ azzjoni identifikati skont il-qafas. Il-prijoritajiet għaċ-ċiklu li jmiss għandhom jiġu adottati fuq il-bażi tar-Rapport attwali dwar iż-Żgħażagħ tal-UE.

Il-Presidenzi tal-UE ffokaw fl-ewwel ċiklu fuq "l-impjiegi u l-intraprenditorija" u fuq "li wieħed jieħu sehem". L-istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ u l-oqsma ta' azzjoni tagħha flimkien jiġbru l-firxa sħiħa ta’ kwistjonijiet li jikkonċernaw liż-żgħażagħ fi tranżizzjoni, għalkemm jaffettwawhom fi gradi differenti. Aktar importanti minn hekk, l-istrateġija tirrikonoxxi u ssaħħaħ l-inter-relazzjonijiet bejn dawn l-oqsma u fost il-partijiet interessati, biex twassal strumenti effettivi sabiex jinkisbu koordinazzjoni u sinerġiji ta' politika.

L-UE u r-Rapporti Nazzjonali taż-Żgħażagħ jikkonfermaw is-solidità u r-rilevanza tal-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ u ż-żewġ għanijiet ġenerali tagħha: (i) il-ħolqien ta’ iktar opportunitajiet u ta' opportunitajiet ugwali għaż-żgħażagħ kollha fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol, u (ii) il-promozzjoni taċ-ċittadinanza, l-inklużjoni soċjali u s-solidarjetà. It-tnejn li huma għandhom rabta mill-qrib ma’ Ewropa 2020, mal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012, ma' Żgħażagħ Mobbli u mal-Inizjattiva ta' Opportunitajiet għaż-Żgħażagħ.

Il-prijoritajiet għaċ-ċiklu ta' xogħol li jmiss għandhom jirriflettu l-prijoritajiet u l-attivitajiet ġenerali u attwali skont Ewropa 2020. Ix-xogħol għaż-żgħażagħ se jibqa’ importanti fuq l-aġenda tal-UE. Filwaqt li jibnu fuq l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012 u r-reviżjonijiet possibbli ta’ prijoritajiet skont l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 li jmiss, kif ukoll fuq l-Inizjattiva ta' Opportunitajiet għaż-Żgħażagħ, l-Istati Membri għandhom partikolarment jimmiraw lejn iż-żgħażagħ li la huma impjegati, la huma fl-edukazzjoni u lanqas fit-taħriġ, biex jagħmlu użu sħiħ tal-fondi disponibbli tal-UE f'dawn l-oqsma. Huma għandhom jagħmlu aktar sforzi biex iżidu l-aċċess taż-żgħażagħ għax-xogħol, l-apprendistati u l-esperjenzi ta' taħriġ u jtejbu l-impjegabbiltà tagħhom.

Il-Kummissjoni tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri b'inizjattivi ġodda tal-UE, bħal "L-ewwel impjieg EURES tiegħek", li jgħin liż-żgħażagħ isibu xogħol barra mill-pajjiż, appoġġ għall-

iżvilupp ta' Garanziji għaż-Żgħażagħ[35] u qafas ta' kwalità għall-esperjenzi ta' taħriġ. Żiedet ukoll il-possibbiltajiet għall-mobilità tat-tagħlim permezz tal-programmi Tagħlim tul il-Ħajja[36] u Żgħażagħ Attivi[37]. Barra minn hekk, l-għodod trasversali żviluppati skont l-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ jistgħu jservu biex irawmu sħubijiet bejn atturi differenti involuti fit-twassil tal-appoġġ għaż-żgħażagħ fi tranżizzjoni, inklużi s-servizzi tal-impjiegi, il-fornituri tal-edukazzjoni, ix-xogħol taż-żgħażagħ, is-servizzi soċjali, l-impjegaturi u ż-żgħażagħ infushom. Kooperazzjoni aktar b'saħħitha fil-qasam tista' tkun ta' ġid fl-offerta ta' approċċi magħmula b'mod speċifiku,, b'mod speċjali għaż-żgħażagħ b'sitwazzjonijiet tal-ħajja aktar kumplessi jew li huma diffiċli li jintlaħqu permezz ta' metodi konvenzjonali. L-istrateġija jista' wkoll ikollha rwol fil-promozzjoni u l-għarfien ta' tagħlim mhux formali u informali permezz tax-xogħol taż-żgħażagħ u bl-inkoraġġiment liż-żgħażagħ biex jieħdu sehem f'organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ bħala mezz biex jiksbu ħiliet transversali. Din tista' b'hekk tikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sinerġiji bejn forom differenti ta' tagħlim formali, mhux formali u informali.

Il-qagħda fis-suq tax-xogħol kif ukoll il-qgħad għandhom effetti soċjali relatati. L-Istħarriġ Annwali ta' Tkabbir 2012 jirreferi għal sinjali ċari ta' żidiet fl-għadd ta' persuni fir-riskju ta' faqar ta' introjtu, partikolarment il-faqar tat-tfal, u l-esklużjoni soċjali, bi problemi akuti ta' saħħa u ta' nuqqas ta' djar fil-każi l-iżjed estremi. Jeżisti grupp dejjem jikber ta' żgħażagħ f'riskju ta' esklużjoni soċjali.

L-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ jista' jkollha rwol f'ilħuq ta' żgħażagħ vulnerabbli. Imsejsa fuq il-perspettiva trasversali u l-enfasi tagħha fuq is-sehem taż-żgħażagħ *kollha* f'diversi aspetti tas-soċjetà, hija tindirizza multitudni ta' sfidi marbutin mal-esklużjoni, l-aljenazzjoni u l-isforzi taż-żgħażagħ fil-bini ta' ħajja indipendenti. Għas-snin li ġejjin, l-istrateġija għandha tiffoka dejjem iżjed fuq il-konsegwenzi tal-kriżi attwali u l-effetti tagħha fuq l-inklużjoni soċjali u s-saħħa u l-benessri taż-żgħażagħ. Għal dan l-għan, hija teħtieġ iżżid il-punt fokali tagħha fuq sehem iż-żgħażagħ fl-attivitajiet soċjali u demokratiċi, kif ukoll tibni fuq il-ħidma taż-żgħażagħ fl-iżvilupp ta' ħiliet taż-żgħażagħ għall-ħajja, l-iżvilupp personali ġenerali tagħhom u sens ta' appartenenza fis-soċjetà fejn jgħixu.

Progress fl-implimentazzjoni

Il-kooperazzjoni transsettorjali tista' tittejjeb aktar fl-oqsma kollha ta' politika li jaffettwaw liż-żgħażagħ. L-Istati Membri għandhom ifittxu li jsaħħu aktar il-kooperazzjoni interministerjali f'livell nazzjonali. Għandhom isiru sforzi addizzjonali biex tissaħħaħ il-bażi ta' evidenza tal-politika taż-żgħażagħ u biex dawn jaqsmu bejniethom eżempji ta' prassi tajba permezz ta' tagħlim reċiproku.

Il-politika taż-żgħażagħ għandha tissokta bid-djalogu maż-żgħażagħ, biex din tifhem bis-sħiħ l-isfidi li ż-żgħażagħ jiffaċċjaw u l-aspettattivi tagħhom lejn dawk li jfasslu l-politika u dawk li jipprovdu l-appoġġ. Id-Djalogu Strutturat maż-żgħażagħ jista' jiġi żviluppat aktar billi s-

[35] Il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi sal-aħħar tal-2012 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar linji gwida li jistabbilixxu garanziji liż-żgħażagħ, li huma skemi li għandhom jiġu mfassla mill-Istati Membri biex jiżguraw li ż-żgħażagħ kollha jirċievu offerta ta' xogħol ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew esperjenza ta' taħriġ fi żmien erba' xhur minn meta jiġu qiegħda (jew itemmu l-edukazzjoni formali).

[36] 130 000 post tax-xogħol f'kumpaniji fl-2012 f 'pajjiżi oħra tal-UE għal livell universitarju u għall-istudenti vokazzjonali

[37] 10 000 żagħżugħ b'opportunitajiet permezz tas-Servizz Volontarju Ewropew

sħubija fil-Gruppi Nazzjonali ta' Ħidma ssir aktar inklużiva u jkun żgurat li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jieħdu aktar kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li ġejjin miż-żgħażagħ.

Il-Kummissjoni se tiżviluppa l-inizjattiva tal-"Iskeda għaż-Żgħażagħ Mobbli" biex tagħmilha aktar faċli għalihom li jkunu mobbli madwar l-Ewropa. Se tilħaq ukoll liż-żgħażagħ *kollha* u tiffaċilita d-djalogu magħhom *kollha*, partikolarment dawk b'inqas opportunitajiet, u dan permezz tal-għodda interattivi ġodda tal-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ. Il-politika taż-żgħażagħ se tesplora wkoll miżuri li jrawwmu l-potenzjal kreattiv u innovattiv taż-żgħażagħ meta jippruvaw jindirizzaw sfidi relatati mal-impjiegi, l-impjegabbiltà u l-inklużjoni[38].

Il-programm Żgħażagħ Attivi u l-programm futur tal-UE li jimmira ż-żgħażagħ se jaqdu rwol partikolari f'li jappoġġjaw dawn l-inizjattivi.

6. KONKLUŻJONIJIET

L-implimentazzjoni tal-ewwel ċiklu ta' ħidma ta' tliet snin tal-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ, li jkopri l-2010-2012, uriet li hija kemm dejjiema kif ukoll flessibbli bħala qafas għal firxa sħiħa ta' azzjonijiet – mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri u mill-partijiet interessati oħra rilevanti. L-istrateġija, bil-perspettiva tagħha tas-setturi kollha u li tinkludi lil kulħadd, intlaqgħet b'interess u kienet ta' ispirazzjoni mhux biss għall-Istati Membri tal-UE, iżda wkoll għal pajjiżi fil-kontinent usa' tal-Ewropa u fid-dinja.

L-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ serviet bħala mezz biex jinħolqu rabtiet bejn l-oqsma ta' azzjoni, inklużi l-impjiegi u l-intraprenditorija, l-edukazzjoni u t-taħriġ u l-inklużjoni soċjali, biex tiżviluppa soluzzjonijiet b'ħafna possibbiltajiet favur l-appoġġ liż-żgħażagħ. Dan kien rilevanti fit-tfittix ta' tweġibiet biex jiġu indirizzati l-livelli għolja attwali ta' qgħad fost iż-żgħażagħ u fl-appoġġ ta' għadd dejjem jikber ta' żgħażagħ li mhumiex fl-impjieg, fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ. Ix-xogħol taż-żgħażagħ ikkontribwixxa għall-iżvilupp taż-żgħażagħ u għandu l-potenzjal li jagħmel aktar fl-oqsma kollha ta' azzjoni.

Sehem iż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika huwa ċentrali għall-politika taż-żgħażagħ. L-approfondiment u t-twessigħ tad-djalogu maż-żgħażagħ mhux biss jgħolli l-kwalità u l-leġittimità tal-politika taż-żgħażagħ, iżda wkoll iżid l-aspettattivi għall-UE u l-Istati Membri tagħha biex iwettquhom. L-UE għandha tagħmel l-ħila kollha tagħha biex tinkoraġġixxi liż-żgħażagħ *kollha* tagħha biex ikunu involuti fit-tfassil tal-ġejjieni tal-UE, partikolarment f'dawk il-kwistjonijiet li – kif diġà wrew il-konsultazzjonijiet suċċessivi u l-istħarriġ ta' opinjonijiet – l-aktar jgħoddu għalihom.

Biex ikompli jżid il-kontribut tiegħu fl-istrateġija Ewropa 2020, it-tieni ċiklu ta' ħidma ta' tliet snin tal-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ (2013-2015) għandu jindirizza l-isfidi li qed jiffaċċjaw iż-żgħażagħ minħabba l-kriżi. L-enfażi għandu jkompli jkun fuq l-impjiegi u l-intraprenditorija, fuq iż-żieda tal-aċċess għax-xogħol, flimkien mal-iżvilupp ta' kapaċitajiet innovattivi u kreattivi taż-żgħażagħ. Għandu jiffoka dejjem iżjed fuq l-inklużjoni soċjali, is-saħħa u l-benessri tagħhom. Il-programm futur tal-UE mmirat lejn iż-żgħażagħ se jikkontribwixxi lejn il-kisba ta' dawn l-għanijiet tal-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ.

---

[38] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-potenzjal kreattiv u innovattiv taż-żgħażagħ, ĠU C 169, 15.6.2012, p. 1-4.